MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Frar, 2014

Numru. 149/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**vs**

**Ahmed Ali Abdishakur**
**Mahamed Muuse Osman**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Ahmed Ali Abdishakur** ta' 16 il-sena, bin Ali Abdishakur u Farhija Mohamed Salad, imwieled Somalia u residenti fil-fond Dar is-Sliem, Santa Venera u detentur ta' numru moghti mill-Pulizija 13Q-099; u

**Mahamed Muuse Osman** ta’ 16 il-sena, bin Mahamed Muuse Osman u Faduma Hagi Yusef, imwieled Somalia u residenti Centru Miftuh Hal-Far u detentur ta’ numru moghti mill-Pulizija 13I-034.

Akkuzati talli fid-9 ta’ Frar 2014 f’ Malta ghamlu uzu jew attentaw li jaghmlu uzu minn passaporti mahruga lil persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkustanzi f’ Malta taw jew geghlu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz lill-Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni bi ksur ta’ l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, lartikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, u l-ammissjoni f’l-aktar

stadju bikri tal-proceduri; hadet in konsiderazzjoni ukoll ta'l-eta u c-cirkostanzi personali ta'l-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------